

31998R1165

5.6.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 162/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1165/98****tad-19 ta' Mejju 1998****li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 213 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-abbozz tar-Regolament sottomess mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni ta' l-Istitut Monetarju Ewropew <sup>(4)</sup>,

(1) Billi d-Direttiva tal-Kunsill 72/211/KEE tat-30 ta' Mejju 1972 li tikkonċerna l-istatistika koordinata dwar iċ-ċiklu tan-negozju fl-industrija u l-industriji ta' l-artiġjanat żgħir <sup>(5)</sup> u d-Direttiva tal-Kunsill 78/166/KEE tat-13 ta' Frar 1978 li tikkonċerna l-istatistika koordinata dwar iċ-ċiklu tan-negozju fil-bini u fl-inġinerija ċivili <sup>(6)</sup> li l-għan tagħhom kien li jipprovdu korp ta' statistika koerenti, ma rnexxilhomx jikkunsidraw it-tibdiliet ekonomiċi u tekniċi;

(2) Billi l-Unjoni Ewropea sadanittant għamlet iktar progress lejn l-integrazzjoni; filwaqt li politika ġdida ekonomika, ta' kompetizzjoni, soċjali, ambjentali u ta' intrapriża u linji-gwida jeħtieġu inizjattivi u deċiżjonijiet ibbażati fuq statistika valida; billi l-informazzjoni rregolata taħt il-leġislazzjoni Komunitarja eżistenti jew disponibbli fid-diversi Stati Membri hija parti mhux adegwata jew mhux paragonabbli biżżejjed biex isservi ta' bażi ta' min joqgħod fuqha għax-xogħol tal-Komunitajiet;

(3) Billi l-Bank Ċentrali Ewropew futur jiħtieġ statistika għal żmien qasir ta' malajr sabiex jqis l-iżvilupp ekonomiku fl-Istati Membri fil-kuntest ta' politika monetarja Ewropea waħda;

(4) Billi hi meħtieġa standardizzazzjoni biex tilħaq il-bżonnijiet tal-Komunitàgħall-informazzjoni li għandha x'taq-sam mal-konverġenza ekonomika;

(5) Billi hu neċessarju li jkun hemm statistika ta' min joqgħod fuqha u ta' malajr disponibbli sabiex isir rapport fuq l-iżvilupp ekonomiku f'kull Stat Membru ta' l-Unjoni fi ħdan il-qafas tal-politika ekonomika ta' l-Unjoni;

(6) Billi n-negozji u l-assoċjazzjonijiet professjonali tagħhom jeħtieġu informazzjoni bħal din sabiex jifhmu s-swieġ tagħhom u biex ikunu jafu l-attività u l-prestazzjoni tagħhom fir-rigward tas-settur tagħhom, flivell nazzjonali u internazzjonali;

(7) Billi l-għbir tal-kontijiet nazzjonali skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità <sup>(7)</sup> jeħtieġ l-iżvilupp ta' għejjun ta' statistika paragonabbli, kompleti u ta' min joqgħod fuqhom;

(8) Billi skond id-Deċiżjoni 92/326/KEE <sup>(8)</sup> il-Kunsill adotta programm ta' sentejn (1992 sa l-1993) għall-iżvilupp ta' l-istatistika Ewropea dwar is-servizzi; filwaqt li dan il-programm jinkludi il-għbir ta' statistika armonizzata flivvelli nazzjonali u reġjonali, b'mod partikulari għas-snaja' ta' distribuzzjoni;

(9) Billi, bi qbil mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-ħolqien ta' normi ta' l-istatistika komuni li jippermettu l-produzzjoni ta' statistika armonizzata hija azzjoni li tista' biss tiġi mħaddma b'mod effiċjenti fil-livell Komunitarju u billi ser ikunu applikati f'kull Stat Membru taħt l-awtorità l-entitajiet u l-istituzzjonijiet inkarigati mill-għbir ta' l-istatistika uffiċjali;

(10) Billi l-aħjar metodu biex jiġi aċċertat iċ-ċiklu tan-negozju jikkonsisti fil-għbir ta' statistika li taqbel mal-prinċipji metdoloġiċi komuni u mat-tifsiriet komuni tal-karatteristiċi; filwaqt li hu biss minn għbir koordinat li statistika

<sup>(1)</sup> ĠU C 267, tat-3.9.1997, p.1.

<sup>(2)</sup> Opinjoni mogħtija fl-20 ta' Frar 1998 (ĠU C 80, tas-16.3.1998)

<sup>(3)</sup> ĠU C 19, tal-21.1.1998, p. 125.

<sup>(4)</sup> Opinjoni mogħtija fil-11 ta' Settembru 1997 (għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(5)</sup> ĠU L 128, tat-3.6.1972, p. 28

<sup>(6)</sup> ĠU L 52, tat-23.2.1978, p. 17.

<sup>(7)</sup> ĠU L 310, tat-30.11.1996, p.1.

<sup>(8)</sup> ĠU L 179, ta' l-1.7.1992, p. 131.

armonizzata tista' tiġi mfassla b'affidabilità, ta' malajr, bil-flessibilità u bil-livell ta' dettal meħtieġ biex jintlaħqu l-bżonnijiet tal-Kummissjoni u ta' l-intrapriżi;

- (11) Billi l-aġġustament staġonali u l-kalkolu ta'serje ta' tendenzi ċikliċi għal *data* nazzjonali jistgħu jiġu mwettqin l-aħjar mill-awtoritajiet nazzjonali ta' l-istatistika; billi l-għoti lill-Kummissjoni (Eurostat) ta' *data* aġġustata kull staġun u ta' serje ta' tendenzi ċikliċi ser iżżid il-koerenza bejn id- *data* mqasma fuq livelli nazzjonali u internazzjonali;
- (12) Billi unitajiet ta' tip t'attività (KAU) jikkorrispondu ma' sotto-diviżjoni operazzjonali waħda jew aktar ta' l-intrapriża; billi biex l-KAU tkun tista' tiġi osservata, is-sistema ta' informazzjoni ta' l-intrapriża għandha tkun kapaċi tindika jew tikalkula għal kull KAU mill-inqas il-valur tal-produzzjoni, il-konsum intermedju, l-ispejjeż ta' *manpower*, *is-surplus* fl-operat u fl-impjeg u l-formazzjoni tal-kapital gross fiss; billi l-KAU li jaqgħu taħt intestatura partikulari fil-klassifikazzjoni statistika ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE Rev. 1) jistgħu jipproduċu prodotti barra l-grupp omoġenju, minħabba attivitajiet sekondarji konnessi magħhom li ma jistgħux jiġu identifikati separatament mid-dokumenti ta' kontijiet disponibbli; billi l-intrapriża u l-KAU huma identiċi meta jkun impossibbli għal intrapriża li tindika jew tikkalkula informazzjoni dwar il-varjabbli kollha mniżżla f'din id-daħla għal sotto-diviżjoni operazzjonali waħda jew aktar;
- (13) Billi d-'*data*' statistika kompilata fi ħdan is-sistema Komunitarja għandha tkun ta' kwalità sodisfaċenti u din il-kwalità kif ukoll il-piż li tinvolvi, għandhom ikunu paragonabbli minn Stat Membru għall-ieħor, u billi hu għalhekk neċessarju li jiġu stabbiliti koŋuntament il-kriterji li jagħmluha possibbli li jintlaħqu dawn il-ħtiġiet; billi statistika għal żmien qasir għandha tkun konsistenti mar-riżultati mibgħuta skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 58/97 ta' l-20 ta' Diċembru 1996 fuq l-istatistika strutturali tan-negozju<sup>(1)</sup>;
- (14) Billi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-istatistika Komunitarja<sup>(2)</sup> jikkostitwixxi l-qafas ta' referenza għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, b'mod partikulari dawk li jkopru l-aċċess għall-għejjun ta' *data* amministrattiva u l-kunfidenzjalità statistika;
- (15) Billi hemm bżonn li jiġu simplifikati l-proċeduri amministrattivi għall-intrapriżi, b'mod partikulari l-intrapriżi

ż-żgħar, inkluża l-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda għall-ġbir u l-kumpilazzjoni tad-*data*; billi l-użu ta' *data* amministrattiva fis-seħħ għal raġuniet ta' statistika hija waħda mill-miżuri biex jitnaqqas il-piż fuq l-intrapriża; billi jekk ġabra diretta ta' *data* minn negozji hija indispensabbli għall-ġbir ta' l-istatistika, il-metodi u t-teknika għandhom jassiguraw li d-*data* hi ta' min joqgħod fuqha u aġġornata, mingħajr ma tqiegħed lill-partijiet konċernati, b'mod partikulari n-negozji żgħar u ta' daqs medju, taħt piż sproporzjonat għar-riżultati li jistgħu jistennaw b'mod raġonevoli dawk li jużaw l-istatistika msemmija;

- (16) Billi hemm bżonn li jkun hemm qafas legali komuni għall-attivitajiet tan-negozji kollha u l-oqsma kollha ta' statistika tan-negozju li jkopru wkoll l-attivitajiet u l-oqsma li għalihom għad mhix żviluppata l-istatistika; billi l-kamp ta' applikazzjoni ta' l-istatistika li għandha tiġi miġbura jista' jiġi definit b'referenza għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 tal-15 ta' Marzu 1993 dwar l-unitajiet ta' statistika għall-osservazzjoni u l-analiżi tas-sistema ta' produzzjoni fil-Komunità<sup>(3)</sup> u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 tad-9 t'Ottubru 1990 dwar il-klassifikazzjoni statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE Rev. 1)<sup>(4)</sup>;
- (17) Billi, sabiex ir-regoli għal ġbir u l-ipproċessar statistiku ta' l-informazzjoni u għall-ipproċessar u t-trasmissjoni tal-varjabbli jkunu jistgħu jiġu iktar iċċarati, hemm bżonn li l-Kummissjoni tingħata, meħjuna mill-Kumitat għall-Programm Statistiku mwaqqaf mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom<sup>(5)</sup>, il-poter li tieħu miżuri għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;
- (18) Billi l-Kumitat għall-Programm Statistiku ġie kkonsultat skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 89/382/KEE, Euratom,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

### Għanijiet ġenerali

1. L-għan ta' dan ir-Regolament hu li jstabilixxi qafas komuni għall-produzzjoni ta' statistika Komunitarja għal żmien qasir dwar iċ-ċiklu tan-negozju.

2. L-istatistika tinkludi informazzjoni (varjabbli) meħtieġa biex tipprovdi bażi uniformi għall-analiżi ta' l-evoluzzjoni għal żmien qasir ta' l-offerta u d-domanda, il-fatturi tal-produzzjoni u l-prezzijiet.

<sup>(1)</sup> ĠU L 14, tas-17.1.1997, p.1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 52, tat-22.2.1997, p.1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 76, tat-30.3.1993, p.1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 293, ta' l-24.10.1990, p.1. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 761/93 (ĠU L 83, tat-3.4.1993, p.1).

<sup>(5)</sup> ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

## L-Artikolu 2

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-attivitajiet kollha tas-swieq fit-Taqsimit Ċ sa K u M sa O tal-klassifikazzjoni statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE Rev.1) kif stabbiliti mir-Regolament (KEE) Nru 3037/90.

2. Unitajiet ta' statistika tat-tipi mniżżla fit-Taqsima I ta' l-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 696/93 u kklassifikati taħt wieħed mill-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-użu ta' unitajiet partikulari għall-ġbir ta' l-istatistika huwa speċifikat fl-Annessi ma' dan ir-Regolament.

## L-Artikolu 3

**L-Annessi**

1. Il-ħtiġiet speċifiċi għall-varjabbli huma miġjuba fl-Annessi.
2. L-informazzjoni li ġejja hi stipulata f'kull Anness fejn rilevanti:
  - (a) l-attivitajiet speċifiċi li għalihom għandha tiġi miġbura l-istatistika;
  - (b) it-tipi ta' unità statistika li għandhom jiġu użati għall-ġbir ta' l-istatistika;
  - (c) il-listi tal-varjabbli;
  - (d) il-forma tal-varjabbli;
  - (e) il-perijodu ta' referenza tal-varjabbli;
  - (f) il-livell ta' dettal tal-varjabbli;
  - (g) iż-żmien ta' l-għeluq biex tiġi trasmessa d-data;
  - (h) il-lista ta' studji volontarji pilota;
  - (i) l-ewwel perijodu ta' referenza;
  - (j) it-tul tal-perijodu ta' transizzjoni li jista' jiġi konċess.

## L-Artikolu 4

**Ġbir ta' data**

1. L-Istati Membri għandhom jiksbu d-data meħtieġa għall-ġbir tal-varjabbli mniżżla fl-Annessi.
2. L-Istati Membri jistgħu jiksbu d-data meħtieġa bl-użu ta' tlaqqiġ minn għejjun differenti speċifikati hawn taħt, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tas-simplifikazzjoni amministrattiva:
  - (a) s'tħarriġ obbligatorju: l-unitajiet legali kif mfissra fir-Regolament (KEE) Nru 696/93, li għalihom jappartjenu l-unitajiet ta' statistika użati mill-Istati Membri jew li huma komposti

minnhom, għandhom ikunu obbligati li jagħtu informazzjoni f'waqtha, preċiża u kompleta;

- (b) għejjun oħrajn xierqa, inkluża d-data amministrattiva;
- (c) proċeduri xierqa ta' stima statistika.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan l-oqsma rispettivi ta' kompetenza tagħhom għandhom iħeġġu l-kondizzjonijiet għaż-żieda fl-użu tal-ġabra ta' data elettronika u l-ipproċessar awtomatiku ta' data.

## L-Artikolu 5

**Perijodiċità**

Il-varjabbli kollha għandhom ikunu prodotti iktar spiss milli fis-sena. Il-frekwenza għal kull varjabbli hija speċifikata fl-Annessi.

## L-Artikolu 6

**Livell ta' dettall**

Il-varjabbli għandhom jiġu prodotti skond il-klassifikazzjonijiet prevalenti fil-livell ta' dettall speċifikat fl-Annessi.

## L-Artikolu 7

**Ipproċessar**

L-Istati Membri għandhom jipproċessaw id-data kompluta miksuba skond l-Artikolu 4(2) f' varjabbli paragonabbli skond ir-regoli stipulati fl-Annessi. L-Istati Membri għandhom jieħdu ukoll kont tal-gwida mogħtija mill-manwal ta' parir metodoloġiku msemmi fl-Artikolu 12.

## L-Artikolu 8

**Trasmissjoni**

L-Istati Membri għandhom jittrasmettu l-varjabbli stipulati fl-Artikolu 7, inkluża d-data kunfidenzjali, lil Eurostat permezz ta' mezzi elettroniċi jew mezzi oħrajn xierqa f'perijodu ta' żmien mill-aħħar tal-perijodu referenzjarju li hu dispot fl-Annessi. Fi kwalunkwe każ, il-varjabbli għandhom jiġu trasmessi lill-Kummissjoni (Eurostat) sa mhux iktar tard mill-jum li fih huma maħruġa mill-awtorità nazzjonali.

## L-Artikolu 9

**Trattament ta' data kunfidenzjali**

It-trattament ta' data kunfidenzjali u t-trasmissjoni ta' data bħal din kif stipulat mill-Artikolu 8 għandhom jiġu mwettqa skond id-dispożizzjonijiet Komunitarji eżistenti li jirregolaw il-kunfidenzjalità statistika.

*L-Artikolu 10***Kwalità**

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-varjabbli trasmessi jiriflettu l-popolazzjoni ta' l-unitajiet. Għal dan l-iskop, id-*data*'miksuba skond l-Artikolu 4(2) għandha tkopri n-numru ta' unitajiet li huwa neċessarju biex jiġi assigurat livell suffiċjenti ta' rappreżentanza.
2. Il-kwalità tal-varjabbli għandha tiġi mkejla minn kull Stat Membru skond kriterji komuni.
3. Il-kwalità tal-varjabbli għandha tiġi eżaminata regolament billi tiġi mqabbla ma' informazzjoni statistika oħra. Barra minn hekk għandhom jiġu vverifikati għall-konsistenza interna.
4. L-*evalwazzjoni* tal-kwalità għandha tiġi magħmula billi jitqabblu l-benefiċċji tad-*disponibilità* tad-*data* ma' l-ispejjeż biex tinġabar u l-piż fuq in-negozji, speċjalment fuq l-intrapriżi żgħar. Għall-iskop ta' din il-valutazzjoni, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha l-informazzjoni neċessarja.

*L-Artikolu 11***Tibdil tal-peżar u s-sena bażi**

1. L-Istati Membri għandhom jadattaw fejn meħtieġ s-sistema ta' peżar ta' indiċijiet komposti mill-inqas kull ħames snin. Il-peżar użat fl-adattament tas-sistemi ta' peżar għandhom jiġu trasmessi lill-Kummissjoni fi żmien tliet snin wara l-aħħar tas-sena bażi ġdida.
2. Kull ħames snin, l-Istati Membri għandhom jibbażaw mill-ġdid l-indiċijiet billi jużaw bħala snin bażi s-snin li jispiċċaw b' 0 jew b' 5. L-indiċijiet kollha għandhom jiġu bbażati mill-ġdid fuq is-sena bażi ġdida fi żmien tliet snin wara l-aħħar ta' din is-sena bażi ġdida.

*L-Artikolu 12***Manwal metodoloġiku**

1. Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Programm Statistiku, għandha tippubblika manwal ta' parir metodoloġiku li jispjega r-regoli mwaqqfa fl-Annessi u li jkollu wkoll gwida fuq l-istatistika għal żmien qasir.
2. Il-manwal għandu jiġi rivedut f'intervalli regolari.

*L-Artikolu 13***Perijodu ta' transizzjoni u d-derogi**

1. Perijodi ta' transizzjoni jistgħu jiġu konċessi, mingħajr ma jjestendu għal iktar minn ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
2. Matul il-perijodi ta' transizzjoni derogi mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu aċċettati mill-Kummissjoni sakemm is-sistemi ta' statistika nazzjonali jkunu jeħtieġu adattamenti mdaqqa.

*L-Artikolu 14***Rapporti**

1. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, kwlaunkwe informazzjoni rilevanti fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri.
2. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għal darb'oħra kull tliet snin wara, tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istatistika miġbura skond dan ir-Regolament u b'mod partikulari dwar ir-rilevanza u l-kwalità tagħha u l-piż fuq in-negozju.

*L-Artikolu 15***Koordinazzjoni fl-Istati Membri**

Fkull Stat Membru awtorità nazzjonali waħda għandha tikkordina:

1. t-trasmissjoni tal-varjabbli (l-Artikolu 8),
2. il-kwalitàtal-kejl (l-Artikolu 10),
3. it-trasmissjoni ta' l-informazzjoni rilevanti (l-Artikolu 14(1)),

*L-Artikolu 16***Studji pilota**

1. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18, tistitwixxi serje ta' studji pilota volontarji li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri. Dawn l-istudji pilota huma speċifikati fl-Annessi.
2. L-istudji pilota għandhom jitwettqu sabiex titqies ir-rilevanza u l-fattibilità li tinkiseb id-*data*, wara li jiġu kkunsidrati l-benefiċċji tad-*disponibilità* tad-*data* mqabbla ma' l-ispiża biex tinġabar u l-piż fuq in-negozju.
3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill bir-riżultati ta' l-istudji pilota.

*L-Artikolu 17***Implimentazzjoni**

Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18, il-miżuri għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi l-miżuri biex jiġu akkomodati l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi rigward il-ġabra u l-ipproċessar statistiku ta' *data* u t-trasmissjoni tal-varjabbli. Waqt li jsir dan, għandu jittieħed kont tal-prinċipju li l-benefiċċji tal-miżura jridu jkunu akbar mill-ispiża tagħha, u tal-prinċipju li m'għandhomx ikunu involuti riżorsi addizzjonali għall-Istati Membri jew għall-intrapriżi kif imqabbla mad-dispożizzjonijiet oriġinali ta' dan ir-Regolament. B'mod partikulari l-miżuri għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jinkludu:

- (a) l-użu ta' unitajiet partikulari (l-Artikolu 2);
- (b) l-aġġornament tal-lista tal-varjabbli (l-Artikolu 3);
- (c) it-tifsiriet u l-forom xierqa tal-varjabbli trasmessi (l-Artikolu 3);
- (d) il-frekwenza tal-ġbir ta' l-istatistika (l-Artikolu 5);
- (e) il-livelli ta' sotto-diviżjonijiet u aggregazzjoni li għandhom jiġu applikati lill-varjabbli (l-Artikolu 6);
- (f) iż-żmien ta' l-għeluq biex issir it-trasmissjoni (l-Artikolu 8);
- (g) il-kriterji għall-kejl tal-kwalità (l-Artikolu 10);
- (h) il-perijodi ta' transizzjoni u d-derogi mogħtija matul il-perijodu ta' transizzjoni (l-Artikolu 13);
- (i) t-twaqqif ta' l-istudji pilota (l-Artikolu 16);

*L-Artikolu 18*

**Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Programm Statistiku, minn hawn 'il quddiem magħruf bħala "l-kumitat".

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz f'limitu ta' żmien li l-president jista' jiffissa skond l-urġenza tal-każ. L-opinjoni għandha tingħata mill-maġġoranza stipulata fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill hu meħtieġ li

jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-kumitat għandhom jiġu peżati bil-metodu msemmi f'dak l-Artikolu. Il-president m'għandux jivvota.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri maħsuba jekk ikunu skond l-opinjoni tal-kumitat. Jekk il-miżuri maħsuba m'humiex skond l-opinjoni tal-kumitat, jew jekk ma tingħata l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien tissottometti lill-Kunsill proposta li għandha x'taqsam mal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk, meta jiskadi perijodu ta' tliet xhur mid-data ta' meta tkun riferita lill-Kunsill, il-Kunsill ma jkunx aġixxa, il-miżuri proposti għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

*L-Artikolu 19*

**Dispożizzjonijiet ta' tħassir**

Id-Direttivi 72/211/KEE u 78/166/KEE huma hawnhekk imhas-sra.

*L-Artikolu 20*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fid-19 ta' Mejju 1998.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. BROWN



## L-ANNESS A

## INDUSTRIJA

(a) **Kamp ta' applikazzjoni**

Dan l-Anness japplika għall-attivitajiet kollha mniżżla fit-Taqsimiet Ċ sa E tan-NACE Rev.1.

(b) **L-unità t'osservazzjoni**

1. Sakemm ma jingħadx mod ieħor fil-paragrafu 2 jew deċiż mod ieħor skond il-proċedura fil-paragrafu 3, l-unità t'osservazzjoni għall-varjabbli kollha f'dan l-Anness hija unità ta' tip t'attività.
2. Għal intrapriżi bi ftit persuni impjegati f'attivitajiet sekondarji l-unità lokali jew l-intrapriża jistgħu jiġu użati bħala unità t'osservazzjoni.
3. L-użu t'unitajiet t'osservazzjoni oħra jista' jiġi deċiż skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.

(c) **Lista tal-varjabbli;**

1. L-istatistika f'dan l-Anness tikkompreni l-varjabbli li ġejjin:

Varjabbli	L-Isem
110	Il-Produzzjoni
120	Il-valur tal-bejgħ
121	Il-valur tal-bejgħ domestiku
122	Il-valur tal-bejgħ mhux domestiku
130	L-ordnijiet ġodda rċevuti
131	L-ordnijiet ġodda domestiċi
132	L-ordnijiet ġodda mhux domestiċi
210	n-numru ta' persuni impjegati
220	Sigħat maħduma
230	Pagi u salarji bl-ingross
310	Prezzijiet tal-produzzjoni
311	Prezzijiet tal-produzzjoni tas-suq domestiku
312	Prezzijiet tal-produzzjoni tas-suq mhux domestiku

2. Jekk biss il-prezzijiet tal-produzzjoni tas-suq mhux domestiku (Nru 312) mhumiex disponibbli, allura dan il-varjabbli jista' jiġi approssimat permezz ta' l-indiċi tal-valur ta' l-unità (Nru 313).
3. Mill-bidu ta' l-ewwel perijodu ta' referenza l-informazzjoni fuq ordnijiet ġodda (Nri 130, 131, 132) tista' tiġi approssimata minn indikatur alternattiv ewlieni, li jista' jiġi kkalkulat mid-*data* ta' l-istharrġ dwar l-opinjoni fuq in-negozju. Din l-approssimazzjoni hi permessa għal perijodu ta' ħames snin mid-*data* tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Dan il-perijodu għandu jiġi estiż sa ħames snin oħra sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni differenti skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.
4. Mill-bidu ta' l-ewwel perijodu ta' referenza l-informazzjoni dwar persuni impjegati (Nru 210) tista' tiġi approssimata minn numru t'impjegati (Nru 211). Din l-approssimazzjoni hi permessa għal perijodu ta' ħames snin mid-*data* tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Dan il-perijodu għandu jiġi estiż sa ħames snin oħra sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni differenti skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.
5. It-kelma "domestiku" tfisser l-isparju territorjali ta' l-Istat Membru inkwestjoni.
6. L-informazzjoni dwar il-produzzjoni (Nru 110) mhix meħtieġa għat-Taqsima 41 u l-Grupp 40.3 tan-NACE Rev.1.
7. L-informazzjoni dwar il-valur tal-bejgħ (Nri 120, 121, 122) mhix meħtieġa għan-NACE Rev.1, it-Taqsima E.

8. L-informazzjoni dwar l-ordnijiet (Nru 130, 131, 132) hi meħtieġa biss għat-taqsimiet tan-NACE Rev.1. li ġejjin: 17, 18, 21, 24, 27, 28, 29, 30, 31, 32, 33, 34, 35. Il-lista ta' taqsimiet NACE tista' tiġi modifikata fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.
9. L-informazzjoni fuq il-prezzijiet tal-produzzjoni jew ta' l-indiċi tal-valur ta' l-unità (Nri 310, 311, 312 jew 313) mhix meħtieġa għall-gruppi li ġejjin tan-NACE Rev.1: 12.0, 22.1, 23.3, 29.6, 35.1, 35.3. Il-lista tal-gruppi tista' tiġi modifikata fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament skond il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 18.

(d) **Il-forma**

1. Il-varjabbli kollha ħlief il-produzzjoni (Nru 110) għandhom jiġu trasmessi f'forma mhux aġġustata.
2. Il-varjabbli tal-produzzjoni (Nru 110) għandu jiġi trasmess f'forma aġġustata ta' ġurnata xogħol.
3. Barra minn hekk l-Istati Membri jistgħu jittrasmettu l-varjabbli aġġustati kull staġun u jistgħu jittrasmettu wkoll il-varjabbli fil-forma ta' ċikli ta' tendenzi. Huwa biss jekk id-*data* mhix trasmessa f'dawn il-forom, li l-Kummissjoni (Eurostat) tista' tipproduċi serje aġġustata kull staġun u ċikli ta' tendenzi għal dawn il-varjabbli.
4. Il-varjabbli Nri 110, 310, 311, 312 u 313 għandhom jiġu trasmessi bħala indiċi. Il-varjabbli l-oħra kollha għandhom jiġu trasmessi jew bħala indiċi jew bħala figuri assoluti.

(e) **Il-Perijodu ta' referenza**

Il-perijodi ta' referenza li ġejjin għandom japplikaw:

Varjabbli	Perijodu ta' referenza
110	Xahar
120	Xahar
121	Xahar
122	Xahar
130	Xahar
131	Xahar
132	Xahar
210	Mill-inqas kwart
220	Mill-inqas kwart
230	Mill-inqas kwart
310	Xahar
311	Xahar
312 jew 313	Xahar

(f) **Il-Livell ta' dettal**

1. Il-varjabbli kollha għandhom jiġu trasmessi fil-livell ta' żewġ ċifri tan-NACE Rev.1.
2. Barra minn hekk, għat-Taqsimi D tan-NACE Rev.1, l-indiċi tal-produzzjoni (Nru 110) u l-indiċi tal-prezzijiet tal-produzzjoni (Nri 310, 311, 312 jew 313) għandhom jiġu trasmessi fil-livelli ta' 3 ċifri u 4 ċifri tan-NACE Rev.1. L-indiċijiet trasmessi fil-livelli ta' 3 ċifri u 4 ċifri għandhom jirrapreżentaw mill-inqas 90% tal-valur totali miżjud għal kull Stat Membru tat-Taqsimi D tan-NACE Rev.1 f'sena bażi partikolari. Dawn il-varjabbli m'għandhomx għalfejn jiġu trasmessi f'dawn il-livelli dettaljati minn daww l-Istati Membri li l-valur totali miżjud tagħhom tat-Taqsimi D tan-NACE Rev. 1 f'sena bażi partikolari jirrapreżenta inqas minn 5% tat-total tal-Komunità Ewropea.
3. Il-varjabbli trasmessi fil-livelli ta' 3 ċifri u 4 ċifri tan-NACE Rev. 1 huma użati biex jipproduċu indikaturi aggregati f'dawn il-livelli għall-Komunità kollha kemm hi u għall-grupp ta' Stati Membri li jipparteċipaw fil-valuta waħdanija. Dawn l-indikaturi jistgħu ukoll jiġu mqasmi fil-livelli ta' 3 ċifri u 4 ċifri għal Stati Membri individwali u gruppi oħra ta' Stati Membri, fejn l-Istati Membri konċernati jkunu indikaw li d-*data* hija ta' kwalità suffiċjenti.
4. Barra minn hekk, il-varjabbli kollha għandhom jiġu trasmessi għall-gruppi industrijali ewlenija, li t-tifsira tagħhom (referenza għall-attivitajiet tan-NACE Rev. 1) għandha tiġi deċiża skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.

(g) **Iż-żmien ta' l-egħluq għat-trasmissjoni tad-data**

1. Il-varjabbli għandhom jiġu trasmessi saż-żmien ta' l-egħluq li ġej wara l-aħħar tal-perijodu ta' referenza:

Varjabbli	Limiti
110	Xahar u ħmistax-il jum
120	Xahrejn
121	Xahrejn
122	Xahrejn
130	Xahar u għoxrin jum
131	Xahar u għoxrin jum
132	Xahar u għoxrin jum
210	Tliet xhur
220	Tliet xhur
230	Tliet xhur
310	Xahar u ħmistax-il jum
311	Xahar u ħamest ijiem
312	Xahar u ħamest ijiem
313	Xahar u ħmistax-il jum

2. Iż-żmien ta' l-egħluq jista' jkun sa 15-il jim kalendarju itwal għal dawk l-Istati Membri li l-valur miżjud tagħhom fit-Taqsimit Ċ, D u E tan-NACE Rev. 1 f'sena bażi partikolari jirrappreżenta inqas minn 3% tat-total tal-Komunità Ewropea.

(h) **Studji pilota**

Il-prijoritajiet għall-istudji pilota huma kif ġej:

1. il-valutatzzjoni tal-possibilitajiet ta' trasmissjoni iktar kmieni tad-data;
2. il-ġbir ta' prezzijiet tal-produzzjoni tas-suq mhux domestiku;
3. it-taqsim tal-varjabbli tas-suq mhux domestiku f' "Unjoni Monetarja", "intra-KE" u "extra-KE";
4. il-ġbir ta' informazzjoni għal żmien qasir li għandha x'taqsam mat-twelid u l-mewt ta' intrapriżi;
5. il-produzzjoni ta' kull xahar ta' informazzjoni dwar l-impjegati;
6. il-ġbir ta' data dwar l-inventarji;
7. l-ġbir ta' informazzjoni għal iktar attivitajiet milli mniżżla fil-paragrafi 6 sa 9 tat-Taqsima Ċ;
8. il-ġbir ta' informazzjoni t'investiment għal żmien qasir;
9. il-ġbir ta' data dwar in-numru ta' ordnijiet.

(i) **L-ewwel perijodu ta' referenza;**

L-ewwel perijodu ta' referenza li għalih il-varjabbli kollha għandhom jiġu trasmessi huwa Jannar 1998 għal data ta' kull xahar u l-ewwel tliet xhur għal data ta' kull tliet xhur.

(j) **Il-perijodu ta' transizzjoni**

1. Għall-varjabbli ta' produzzjoni (Nru 110), il-varjabbli tal-persuni impjegati u s-siġhat maħduma (Nri 210, 220) u l-varjabbli tal-prezzijiet tal-produzzjoni domestika (Nru 311) perijodu ta' transizzjoni ta' mhux aktar minn tliet snin mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jista' jiġi konċess skond il-proċedura stipulata fl-Artiku 18. Dan il-perijodu ta' tranżizzjoni jista' jiġi estiż għal sentejn oħra skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.
2. Għall-varjabbli l-oħra kollha, perijodu ta' tranżizzjoni ta' mhux aktar minn ħames snin mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jista' jiġi konċess skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.



## L-ANNEX B

## KOSTRUZZJONI

(a) **Il-Kamp ta' Applikazzjoni**

Dan l-Anness japplika għall-attivitajiet kollha mniżżla fit-Taqsima F tan-NACE Rev.1.

(b) **L-unità t'osservazzjoni**

1. Sakemm ma jintqalx mod ieħor fil-paragrafi 2 jew 3 jew deċiż mod ieħor skond il-proċedura fil-paragrafu 4, l-unità t'osservazzjoni għall-varjabbli kollha f'dan l-Anness hija unità ta' tip t'attività.
2. Għal intrapriżi bi ftit persuni impjegati fattivitajiet sekondarji l-unità lokali jew l-intrapriża jistgħu jiġu użati bħala l-unità t'osservazzjoni.
3. Fejn xieraq, l-istatistika tista' tinsilet minn informazzjoni prodotta skond il-klassifikazzjoni tal-konstruzzjonijiet (CC).
4. L-użu ta' unitajiet oħra t'osservazzjoni jista' jiġi deċiż skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.

(c) **Lista tal-varjabbli**

1. L-istatistika f'dan l-Anness tinkludi l-varjabbli li ġejjin:

Varjabbli	Isem
110	Produzzjoni
115	Produzzjoni ta' konstruzzjoni tal-bini
116	Produzzjoni ta' inġinerija ċivili
130	Ordinijiet ġodda rċevuti
135	Ordinijiet ġodda rċevuti għall-konstruzzjoni tal-bini
136	Ordinijiet ġodda mirċieva għall-inġinerija ċivili
210	Numru ta' persuni impjegati
220	Sigħat maħduma
230	Pagi u salarji bl-ingross
320	Spejjeż tal-konstruzzjoni
321	Spejjeż materjali
322	Spejjeż tax-xogħol
411	Liċenzji tal-bini: numru ta' abitazzjonijiet
412	Liċenzji tal-bini: Metri kwadri ta' spazju fl-art utiż- zabbli jew miżura alternattiva ta' daqs

2. Mill-bidu ta' l-ewwel perijodu ta' referenza, l-informazzjoni fuq ordinijiet ġodda (Nru 130) tista' tiġi approssimata minn indikatur alternattiv ewlieni, li jista' jiġi kkalkulat mid-'data' ta' l-istħarriġ dwar l-opinjoni tan-negozju. Din l-approssimazzjoni hi permessa għal perijodu ta' ħames snin mid-data ta' dħul fis-seħħ tar-Regolament. Dan il-perijodu għandu jiġi estiż sa ħames snin aktar sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.
3. Mill-bidu ta' l-ewwel perijodu ta' referenza, l-informazzjoni dwar persuni impjegati (Nru 210) tista' tiġi approssimata min-numru ta' impjegati (Nru 211). Din l-approssimazzjoni hi permessa għal perijodu ta' ħames snin mid-data ta' dħul fis-seħħ tar-Regolament. Din il-proċedura għandha tiġi estiża sa ħames snin aktar sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.
4. L-informazzjoni dwar varjabbli fuq ordinijiet ġodda (Nri 130, 135, 136) tista' tiġi approssimata minn informazzjoni dwar permessi tal-bini. Approssimazzjonijiet oħra għal dawn il-varjabbli u oħrajn jistgħu jiġu mfissra skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.
5. Huwa biss jekk il-varjabbli ta' l-ispejjeż ta' konstruzzjoni (Nri 320, 321, 322) mhumiex disponibbli, li jistgħu jiġu approssimati mill-varjabbli tal-prezz tal-produzzjoni (Nru 310).

**(d) Il-Forma**

1. Il-varjabbli kollha ħliet il-produzzjoni (Nru 110) għandhom jiġu trasmessi f'forma mhux aġġustata.
2. Il-varjabbli tal-produzzjoni (Nru 110) għandha tiġi trasmessa f'forma aġġustata ta' ġurnata ta' xogħol.
3. Barra minn hekk l-Istati Membri jistgħu jittrasmettu l-varjabbli aġġustati kull staġun u jistgħu ukoll jittrasmettu l-varjabbli fil-forma ta' ċikli ta' tendenzi. Huwa biss jekk id-*data* mhux trasmessa f'dawn il-forom, li l-Kummissjoni (Eurostat) tista' tipproduċi serje aġġustata kull staġun u ċikli ta' tendenzi għal dawn il-varjabbli.
4. Il-varjabbli Nri 110, 115, 116, 320, 321 u 322 għandhom jiġu trasmessi bħala indiċi. Il-varjabbli Nri 411 u 412 għandhom jiġu trasmessi f'figuri assoluti. Varjabbli oħra għandhom jiġu trasmessi bħala indiċi jew bħala figuri assoluti.

**(e) Il-Perijodu ta' referenza**

Perijodu ta' referenza ta' mill-inqas tliet xhur għandu japplika għall-varjabbli kollha f'dan l-Anness.

**(f) Il-Livell ta' dettal**

1. Il-varjabbli Nri 10, 130, 210, 220 u 230 għandhom jiġu trasmessi mill-inqas fil-livell ta' żewġ ċifri tan-NACE Rev. 1.
2. Il-varjabbli ta' l-ordnijiet ġodda (Nri 130, 135 u 136) huma meħtieġa biss għall-gruppi 45.1 u 45.2 tan-NACE Rev. 1.
3. Il-varjabbli ta' l-ispejjeż tal-Kostruzzjoni (Nri 320, 321 u 322) huma biss ta' bilfors għall-bini residenzjali ġdid bl-esklużjoni ta' residenzi għal komunitajiet.
4. Il-varjabbli tal-permessi tal-bini (Nru 411) ikopri biss bini residenzjali ġdid (bl-esklużjoni ta' residenzi għal komunitajiet) u għandu jiġi maqsum bejn:
  - (i) bini residenzjali ta' dar waħda;
  - (ii) bini residenzjali ta' żewġ idjar u iktar;
5. Il-varjabbli tal-permessi tal-bini (Nru 412) ikopri biss bini u għandu jiġi maqsum bejn:
  - (i) bini residenzjali ta' dar waħda;
  - (ii) bini residenzjali ta' żewġ idjar u iktar;
  - (iii) residenzi għall-komunitajiet;
  - (iv) bini ta' uffiċini;
  - (v) bini ieħor.

**(g) Iż-żmien ta' l-egħluq għat-trasmissjoni tad-data**

1. Il-varjabbli għandhom jiġu trasmessi biż-żmien ta' l-għeluq li ġej wara l-aħħar tal-perijodu ta' referenza:

Varjabbli	Limitu
110	Xahrejn
115	Xahrejn
116	Xahrejn
130	3 xhur
135	3 xhur
136	3 xhur
210	3 xhur
220	3 xhur
230	3 xhur
320	3 xhur
321	3 xhur
322	3 xhur
411	3 xhur
412	3 xhur

2. Iż-żmien ta' l-għeluq jista' jkun sa 15-il ġurnata itwal għal dawk l-Istati Membri li l-valur totali miżjud tagħhom fit-Taqsima F tan-NACE Rev. 1 f'sena bażi partikolari jirrappreżenta inqas minn 3% tat-total tal-Komunità Ewropea.

(h) **Studji pilota**

Il-prijoritajiet għall-istudji pilota huma kif ġej:

1. l-għoti ta' informazzjoni dwar prezzijiet ta' produzzjoni;
2. il-produzzjoni mqassma (Nru 110) f'xogħol ġdid u tiswija u manutenzjoni;
3. l-għoti ta' *data* fix-xahar;
4. it-taqsim tal-varjabbli Nri 210, 220 u 230 f'bini u inġinerija ċivili;
5. l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ispejjeż (Nri 320, 321 u 322) għal tipi ta' kostruzzjoni ta' xort' oħra minn bini residenzjali kif ukoll għal xogħol ta' tiswija u manutenzjoni;
6. it-taqsim tal-produzzjoni ta' kostruzzjoni tal-bini (Nru 115) f'bini residenzjali u mhux residenzjali;
7. l-għoti ta' informazzjoni ta' investiment għal żmien qasir;
8. l-għoti ta' informazzjoni għal żmien qasir li għandha x'taqsam mat-twelid u l-mewt ta' intrapriżi;

(i) **L-ewwel perijodu ta' referenza;**

L-ewwel perijodu ta' referenza li għalih il-varjabbli kollha għandhom jiġu trasmessi huwa Jannar 1998 għal *data* ta' kull xahar u l-ewwel tliet xhur ta' l-1998 għal *data* ta' kull tliet xhur.

(j) **Il-perijodu ta' transizzjoni**

1. Għall-varjabbli ta' produzzjoni (Nru 110), u l-varjabbli tal-persuni impjegati u s-sigħat maħduma (Nri 210 u 220) perijodu ta' transizzjoni ta' mhux aktar minn tliet snin mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jista' jiġi konċess skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18. Dan il-perijodu ta' transizzjoni jista' jiġi estiż sa sentejn oħra skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.
2. Għall-varjabbli l-oħra kollha perijodu ta' transizzjoni ta' mhux aktar minn ħames snin mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jista' jiġi konċess skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.

—

## L-ANNEX Ċ

## NEGOZJU BL-IMNUT U TAT-TISWIJA

(a) **Il-Kamp ta' applikazzjoni**

Dan l-Anness japplika għall-attivitajiet mniżżla fit-Taqsima 52 tan-NACE Rev.1.

(b) **L-unità t'osservazzjoni**

1. L-unità t'osservazzjoni għall-varjabbli kollha f'dan l-Anness hija l-intrapriża.
2. L-użu ta' unitajiet t'osservazzjoni oħra jista' jiġi deċiżi skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.

(c) **Lista tal-varjabbli**

1. L-istatistika f'dan l-Anness tikkonsisti fil-varjabbli li ġejjin:

Varjabbli	Isem
120	Il-valur tal-bejgħ
210	Numru ta' persuni impjegati
330	<i>Deflator</i> tal-bejgħ

2. L-informazzjoni fuq il-volum tal-bejgħ (Nru 123) tista' tiġi prodotta minflok id-*deflator* tal-bejgħ (Nru 330).
3. Mill-bidu ta' l-ewwel perijodu ta' referenza l-informazzjoni dwar persuni impjegati (Nru 210) tista' tiġi approssimata minn numru t'impjegati (Nru 211). Din l-approssimazzjoni hi permessa għal perijodu ta' ħames snin mid-data ta' dħul fis-seħħ tar-Regolament. Dan il-perijodu għandu jiġi estiż sa ħames snin iżjed sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.

(d) **Il-Forma**

1. Il-varjabbli kollha għandhom jiġu trasmessi f'forma mhux aġġustata.
2. Il-varjabbli tal-valur tal-bejgħ (Nru 120) u l-varjabbli tal-volum tal-bejgħ (Nru 123) għandhom ukoll jiġu trasmessi f'forma aġġustata ta' ġurnata ta' xogħol.
3. Barra minn hekk l-Istati Membri jistgħu jittrasmettu l-varjabbli aġġustati kull staġun u jistgħu ukoll jittrasmettu l-varjabbli fil-forma ta' ċikli ta' tendenzi. Huwa biss jekk id-*data* mhix trasmessa f'dawn il-forom, li Eurostat jista' jipproduċi serje aġġustati kull staġun u ċikli ta' tendenzi għal dawn il-varjabbli.
4. Il-varjabbli kollha għandhom jiġu trasmessi bħala indiċi jew bħala figuri assoluti.

(e) **Il-Perijodu ta' referenza**

Il-perijodi ta' referenza li ġejjin għandhom japplikaw:

Varjabbli	Perijodu ta' referenza
120	Xahar
210	Kwart
330 jew 123	xahar

(f) **Il-Livell ta' dettal**

1. Il-varjabbli tal-valur tal-bejgħ (Nru 120) u l-varjabbli tad-*deflator* tal-bejgħ/il-volum tal-bejgħ (Nru 330/123) għandhom jiġu trasmessi skond il-livelli ta' dettal definiti fil-paragrafi 2, 3 u 4. Il-varjabbli ta' persuni impjegati (Nru 210) għandu jiġi trasmess skond il-livelli ta' dettal mfissrin fil-paragrafi 3 u 4.

2. Il-livell dettaljat għar-raggruppament tal-klassijiet u gruppi NACE Rev. 1:
  - Klassi 52.11;
  - Klassi 52.12;
  - Grupp 52.2;
  - Grupp 52.3;
  - is-somma tal-Klassijiet 52.41, 52.42 u 52.43;
  - is-somma tal-Klassijiet 52.44, 52.45 u 52.46;
  - is-somma tal-Klassijiet 52.47u 52.48;
  - Klassi 52.61;
3. Il-livelli aggregati għar-raggruppament tal-klassijiet u gruppi NACE Rev. 1:
  - is-somma tal-Klassi 52.11. u l-Grupp 52.2;
  - is-somma tal-Klassi 52.12. u l-Gruppi 52.3 sa 52.6;
  - is-somma tal-Gruppi 52.1 sa 52.6.
4. It-Taqsima 52
  - L-Istati Membri li l-valur miżjud tagħhom għall-Grupp 52.7 jirrappreżenta inqas minn 5% tal-valur miżjud tagħhom għat-Taqsima 52 f'sena bażi partikolari jistgħu japprossimaw it-Taqsima 52 permezz tas-somma tal-Gruppi 52.1 sa 52.6.

**(g) Iż-żmien ta' l-għeluq għat-trasmissjoni tad-'data'**

1. Il-varjabbli għandhom jiġu trasmessi fi żmien tliet xhur wara l-aħħar tal-perijodu ta' referenza: Il-varjabbli għandhom jiġu trasmessi għal tal-valur tal-bejgħ (Nru 120) u d-*deflato* tal-bejgħ/il-volum tal-bejgħ (Nri 330/123) fi żmien xahrejn fil-livelli ta' dettal speċifikati fil-paragrafi 3 u 4 tat-Taqsima F.
2. Iż-żmien ta' l-għeluq jista' jkun sa xahar itwal għal daww l-Istati Membri li l-valur totali miżjud tagħhom fit-Taqsima 52 f'sena bażi partikolari jirrappreżenta inqas minn 3% tat-total tal-Komunità Ewropea.

**(h) Studji pilota**

Il-prijoritajiet għall-istudji pilota huma kif ġej:

1. l-għoti ta' tqassim t'attività iktar dettaljat;
2. Il-qies tal-possibilitajiet ta' trasmissjoni iktar kmieni tad-'data';
3. il-ġbir ta' informazzjoni dwar in-numru ta' impjegati;
4. il-ġbir ta' informazzjoni dwar il-pagi u s-salarji;
5. l-użu ta' l-unità tat-tip ta' attività bħala unità ta' osservazzjoni;
6. il-ġbir ta' informazzjoni għal żmien qasir dwar it-twelid u l-mewt ta' intrapriżi;

**(i) L-ewwel perijodu ta' referenza;**

L-ewwel perijodu ta' referenza li għalih il-varjabbli kollha għandhom jiġu trasmessi huwa Jannar 1998 għal *data* ta' kull xahar u l-ewwel tliet xhur ta' l-1998 għal *data* ta' tliet xhur.

**(j) Il-perijodu transitorju**

1. Għall-varjabbli tal-persuni impjegati (Nru 210) perijodu transitorju ta' mhux aktar minn tliet snin jista' jiġi konċess skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18. Dan il-perijodu transitorju jista' jiġi estiż sa sentejn oħra skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.
2. Għall-varjabbli tal-valur tal-bejgħ (Nru 120) fil-livelli ta' dettal speċifikati fil-paragrafu 3 tat-Taqsima F perijodu transitorju ta' mhux aktar minn sentejn jista' jiġi konċess skond il-proċeduri maħsuba fl-Artikolu 18.
3. Għall-varjabbli tal-valur tal-bejgħ (Nru 120), fil-livell ta' dettal speċifikat fil-paragrafi 2 u 4 tat-Taqsima F u d-*deflator* tal-bejgħ/il-volum tal-bejgħ (Nru 330/123) perijodu transitorju ta' mhux aktar minn ħames snin jista' jiġi konċess mid-data ta' dħul fis-seħħ tar-Regolament skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.

## L-ANNEX D

## SERVIZZJI OĦRA

(a) **Il-Kamp ta' applikazzjoni**

Dan l-Anness japplika għall-attivitajiet kollha mniżżla fit-Taqsimiet 50 u 51 u t-Taqsimiet H, I, J, K, M, N u O tan-NACE Rev. 1.

(b) **L-Unità t'osservazzjoni**

1. L-unità t'osservazzjoni għall-varjabbli kollha f'dan l-Anness hija l-intrapriża.
2. L-użu t'unitajiet t'osservazzjoni oħra jista' jiġi deċiż skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.

(c) **Lista tal-varjabbli**

1. L-istatistika f'dan l-Anness tikkompreni l-varjabbli li ġejjin:

Varjabbli	Isem
120	Il-valur tal-bejgħ
210	Numru ta' persuni impjegati

2. Mill-bidu ta' l-ewwel perijodu ta' referenza l-informazzjoni dwar persuni impjegati (Nru 210) tista' tiġi approssimata minn numru t'impjegati (Nru 211). Din l-approssimazzjoni hi permessa għal perijodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Dan il-perijodu għandu jiġi estiż sa ħames snin oħra sakemm ma jiġi deċiż mod ieħor skond il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 18.

(d) **Il-Forma**

1. Il-varjabbli kollha għandhom jiġu trasmessi f'forma mhux aġġustata.
2. Il-varjabbli tal-valur tal-bejgħ (Nru 120) għandu wkoll jiġi trasmess f'forma aġġustata ta' ġurnata ta' xogħol.
3. Barra minn hekk l-Istati Membri jistgħu jittrasmettu l-varjabbli aġġustati kull staġun u jistgħu ukoll jittrasmettu l-varjabbli fil-forma ta' ċikli ta' tendenzi. Huwa biss jekk id-*data* mhix trasmessa f'dawn il-forom, li l-Kummissjoni (Eurostat) tista' tipproduċi serje aġġustata kull staġun u ċikli ta' tendenzi għal dawn il-varjabbli.
4. Il-varjabbli kollha għandhom jiġu trasmessi bħala indiċi jew bħala figuri assoluti.

(e) **Il-Perijodu ta' referenza**

Perijodu ta' referenza ta' mill-inqas tliet xhur għandu japplika għall-varjabbli kollha f'dan l-Anness.

(f) **Il-Livell ta' dettal**

1. Il-varjabbli tal-valur tal-bejgħ (Nru 120) għandu jiġi trasmess skond il-gruppi li ġejjin tan-NACE Rev. 1:
  - is-somma ta' 50.1, 50.3, 50.4;
  - 50.2;
  - 50.5;
  - 51, 64 kull wieħed ta' tliet ċifri;
  - 50, 60, 61, 62, 63, 72 kull wieħed ta' żewġ ċifri;
  - is-somma ta' 74.11, 74.12, 74.13, 74.14;
  - is-somma ta' 74.2, 74.3;
  - 74.4 sa 74.8 kull wieħed ta' tliet ċifri;
2. Il-varjabbli ta' persuni impjegati (Nru 210) għandu jiġi trasmess fil-livell ta' żewġ ċifri tan-NACE Rev. 1 għat-Taqsimiet 50, 51, 55, 60, 61, 62, 63, 64, 72 u 74.



3. Għat-Taqsimit 50, 51, 64 u 74 tan-NACE Rev. 1, il-varjabbli tal-valur tal-bejgħ jista' jiġi trasmess fil-livell ta' żewġ ċifri biss minn dawk l-Istati Membri li l-valur miżjud tagħhom f'dawk it-Taqsimit tan-NACE Rev. 1 f'sena bażi partikolari jirrappreżenta inqas minn 5% tat-total tal-Komunità Ewropea.
4. Għat-Taqsima tan-NACE Rev. 1, il-varjabbli tal-persuni impjegati (Nru 120) jista' jiġi trasmess fil-livell tat-Taqsima biss minn dawk l-Istati Membri li l-valur totali miżjud fit-Taqsima I f'sena bażi partikolari jirrappreżenta inqas minn 5% tat-total tal-Komunità Ewropea.

(g) **Iż-żmien ta' l-għeluq għat-trasmissjoni tad-'data'**

Il-varjabbli għandhom jiġu trasmessi fi żmien tliet xhur wara l-aħħar tal-perijodu ta' referenza.

(h) **Studji pilota**

Il-prijoritajiet għall-istudji pilota huma kif ġej:

1. il-ġbir ta' informazzjoni dwar il-pagi u s-salarji;
2. il-ġbir ta' informazzjoni dwar id-*deflators*,
3. Il-qies tal-possibiltà u r-rilevanza tal-ġbir tad-*data* dwar:
  - (i) l-aġenti ta' l-ivvjaġġar NACE Rev. 1 Grupp 63.3;
  - (ii) propjetà ta' l-artijiet NACE Rev. 1 Taqsima 70;
  - (iii) l-attività tal-kiri NACE Rev. 1 Taqsima 71;
  - (iv) riċerka u żvilupp NACE Rev. 1 Taqsima 73;
  - (v) attivitajiet ta' ġestjoni ta' *holding companies* NACE Rev. 1 Klassi 74.15;
  - (vi) NACE Rev. 1 Taqsimit J, M, N u O;
4. il-produzzjoni ta' taqsim iktar dettaljat;
5. il-qies tal-possibiltà ta' trasmissjoni iktar kmieni tad-*data*;
6. il-ġbir ta' informazzjoni dwar in-numru ta' impjegati;
7. l-użu ta' l-unità tat-tip ta' attività bħala unità ta' osservazzjoni;
8. il-ġbir ta' informazzjoni għal żmien qasir dwar it-twelid u l-mewt ta' intrapriżi;

(i) **L-ewwel perijodu ta' referenza**

L-ewwel perijodu ta' referenza li għalih għandhom jiġu trasmessi l-varjabbli kollha huwa l-ewwel tliet xhur ta' l-1998.

(j) **Il-perijodu transitorju**

Għall-varjabbli kollha perijodu transitorju ta' ħames snin jista' jiġi konċess mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18.

---